MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Numru 325/1990

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Mario Bpnnici)**
**(Walter Spiteri)**

**Vs**

**Sandro Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni in ezami li biha Sandro Mifsud gie akkuzat talli

i. Matul dawn l-ahhar sentejn, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-ammont taghhom jeccedi l-hamsin (LM50) liri Maltin izda

ma jeccedix il-hames mitt (Lm500) liri Maltin, mill-fond Blk A2, Flat 12, Housing Estate, Pieta', ghad-danni ta' Ernie Aloisio, Mary Aloisio u Karen Aloisio, liema serq hu ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

ii. U aktar talli fl-istess zminijiet u cioe' f'dawn l-ahhar sentejn, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

iii. U aktar talli huwa recidiv.

Semghet lill-akkuzat jammetti l-ewwel (1) akkuza u dan talli matul dawn l-ahhar sentejn, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-ammont taghhom jeccedi l-hamsin (LM50) liri Maltin izda ma jeccedix il-hames mitt (Lm500) liri Maltin, mill-fond Blk A2, Flat 12, Housing Estate, Pieta', ghad-danni ta' Ernie Aloisio, Mary Aloisio u Karen Aloisio, liema serq hu ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok u dan skond l-artikoli 261(d)(e), 268(b), 269(g) u 281(a)(b) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk issibu hati tal-istess akkuza skond kif kwalifikata izda mhux hati tal-akkuzi rimanenti.

In rigward il-piena, l-Qorti wara li kkonsiderat li l-akkuzat kien minorenni u t-trapass taz-zmien tara li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u tordna li l-akkuzat jigi liberat minghajr ebda kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------